A.L. 354 ta' l-2002

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni Marbutin fit-Tul)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, fuq il-parir ta' l-Awtorita' Maltija għal Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Isem u Dhul fis-seħħ

1. (1) It-titlou ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni Marbutin fit-Tul).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru, 2002

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"assiguratur" tfisser il-persuna awtorizzata biex tmexxi f'Malta jew minn Malta negozju ta' assigurazzjoni li jikkonsisti f'kuntratti ta' negozju fit-tul fl-ambitu tat-tifsira ta' klassi III kif hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Negozju ta' Assigurazzjoni kemm jekk tali persuna tkun awtorizzata taħt l-Att dwar Negozju ta' Assigurazzjoni kemm jekk tkun eżentata mill-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 6 (4) ta' l-Att dwar Negozju ta' Assigurazzjoni;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

"klijent" tfisser il-parti li tkun qablet li tidħol għal kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul;

"kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul" tfisser kuntratt ta' assigurazzjoni fl-ambitu tat-tifsira ta' paragrafu 7 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att;

u l-kliem u l-frażijiet li huma wkoll użati fl-Att għandhom l-istess tifsiriet kif għandhom fl-Att.

Avviż Statutorju.

3. (1) Ebda assiguratur ma għandu jidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul kemm tax-xorta ta' premium wieħed kemm tax-xorta ta' premium regolari kemm -il darba dak l-assiguratur ma jaghtix lill-klijent avviż statutorju li jkollu x'jaqsam ma' dak il-kuntratt sew filwaqt meta jsir il-kuntratt sew fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data meta jkun sar il-kuntratt.

(2) Avviż statutorju hu avviż li -

(a) jkun fih dawk l-affarijiet u jkollu l-forma stipulata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u jkun ikkonforma mal-ħtiġiet speċifikati fil-paragrafi li ġejjin ta' dan ir-regolament; u

(b) jkollu annessa mieghu forma ta' avviż ta' thassir kif stipulat fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż statutorju għandu jkun jinqara faċilment u għandu, b'mod kemm jista' jkun prattikabbli, ikun riproduzzjoni ta' dak stipulat fl-Ewwel Skeda (u safejn għandu x'jaqsam ma' l-avviż ta' thassir, dak imniżżel fit-Tieni Skeda) li jinsab ma' dawn ir-regolamenti, kemm fir-rigward ta' daqs, lewn, stampar, l-użu ta' ittri kapitali jew grassi kemm fir-rigward ta' mezzi oħra ta' enfasi.

(4) Kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul ikun jista', fid-diskrezzjoni tal-klijent, jithassar minħabba f'li l-assiguratur ikun kiser dan ir-regolament f'dak li għandu x'jaqsam ma' dak il-kuntratt:

Iżda dak id-dritt għandu jkun jista' jiġi eżerċitat mill-klijent fi żmien xahar mid-data meta jkun inghata l-avviż statutorju.

(5) Kull assiguratur li jkun kiser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm1,000.

Avviż ta' thassir.

4. (1) Klijent li jkun irċieva avviż statutorju mingħand assiguratur li jkollu x'jaqsam ma' kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul jista', fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibdew għaddejjin mid-data meta jkun inghata dak l-avviż, jagħti lill-assiguratur avviż ta' thassir li jkun jikkonforma mas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(2) Klijent li assiguratur ikun imissu tah iżda li ma jkunx tah avviż statutorju li jkollu x'jaqsam ma' xi kuntratt ta' assigurazzjoni

marbut fit-tul jista', qabel ma tgħaddi sena li tibda mid-data tal-kuntratt, jagħti avviż ta' tħassir lill-assiguratur. Dan id-dritt jiskadi jekk qabel ma jirċievi avviż ta' tħassir l-assiguratur jagħti avviz statutorju lill-kljent.

(3) Avviż ta' tħassir jista' jkun, imma m'hemmx għalfejn ikun, fil-forma annessa ma' l-avviż statutorju, u għandu jkollu effett jekk, irrispettivament minn kif ikun espress, ikun jindika l-intenzjoni tal-klijent li jirtira mill-kuntratt li dwaru jkun ingħata l-avviż statutorju jew suppost li jkun ingħata. Minbarra dan, il-ħtiġiet applikabbli għall-avviż statutorju għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal avviż ta' tħassir.

(4) Meta, wara li jkun għamel kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul, klijent jagħti avviż ta' tħassir, dak l-avviż għandu jopera b'mod li jħassar il-kuntratt;

(5) Meta avviż ta' tħassir jopera b'mod li jħassar kuntratt ta' asigurazzjoni marbut fit-tul -

(a) kull ammont ta' flus li l-klijent li jagħti l-avviż ikun ħallas f'konnessjoni mal-kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul (kemm b'mod ta' premium jew mod ieħor, u kemm lill-assiguratur jew lil persuna li tkun ir-rappreżentant ta' l-assiguratur għall-finijiet li tirċievi l-flus) għandu jkun jista' jingħabar lura mingħand l-assiguratur mill-klijent li jagħti l-avviż;

(b) kull benefiċċju taħt il-polza li l-assiguratur ikun ħallas lill-klijent li jagħti l-avviż għandu jitħallas lura mill-klijent lill-assiguratur; u

(ċ) kull ċaqliq fis-suq fil-valur tal-propjetà rappreżentat mill-kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul għandu jiġġarrab mill-klijent li jagħti l-avviż ta' tħassir.

Servizz ta' avviż statutorju u/jew avviz ta' kanċellament.

5. (1) Għall-fini tal-paragrafu (1) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, avviż statutorju għandu:–

i) jew ikun ikkonsenjat lill-klijent bl-idejn meta jsir il-kuntratt;

ii) jew jintbagħat lill-klijent b'ittra reġistrata f'indirizz f'Malta speċifikat fuq il-formola tat-talba fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data meta jkun sar l-kuntratt.

(2) Għall-finijiet tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, avviż ta' tħassir għandu jintbagħat lill-assiguratur, jew lir-rappreżentant tiegħu, f'indirizz f'Malta speċifikat fuqu, b'kull mod li jkun.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta jkun hemm xi dubju -

(a) id-data meta avviż statutorju għandu jitqies li jkun inġħata lill-klijent għandha tkun l-ewwel ġurnata tax-xogħol li tiġi wara l-ġurnata ta' l-impustar b'posta reġistrata; u

(b) id-data meta avviż ta' tħassir għandu jitqies li jkun inġħata lill-assiguratur jew lir-rappreżentant tiegħu għandha tkun il-ġurnata ta' l-impustar.

(4) Fil-każ li l-assiguratur jallega li d-dritt ta' tħassir ma kienx eżerċitat mill-klijent fil-perjodi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti, il-piż tal-prova għandu jaqa' fuq l-assiguratur.

(5) L-assiguratur ikollu wkoll il-piż li jġib prova li l-avviż statutorju kien inġħata lil klijent u li kien esegwit kif għandu jkun fil-forma u l-manjiera meħtieġ b'dawn ir-regolamenti.

(6) Ikun id-dmir ta' l-assiguratur jew tar-rappreżentant tiegħu li jispjega kif imiss lill-klijent id-drittijiet ta' tħassir li jkollu u li jkunu joħorġu minn dawn ir-regolamenti u l-possibiltà li juża l-avviż ta' tħassir.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

KUNTRATTI TA' ASSIGURAZZJONI MARBUTIN FIT-TUL-AVVIŻ STATUTORJU

Lil:.....

[*Daħħal l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jintbagħat dan l-Avviż*].

IMPORTANTI - AQRA TAJJEB DAN L-AVVIŻ

ID-DRITT TIEGĦEK LI TIBDEL FEHEMTEK

.....

[*Identifika l-kuntratt li għandu x'jaqsam miegħu l-avviż jew għid kif jista' jkun identifikat, bħala tali b'referenza għal nota li tkun mal-kuntratt*]

1. Int għamilt/applikajt biex tagħmel Kuntratt ta' Assigurazzjoni Marbut fit-Tul ma'

.....

.....

[*L-isem u l-indirizz ta' l-assiguratur li miegħu sar/ser isir il-kuntratt*].

2. L-iskop ta' dan l-Avviż Statutorju hu li jiżgura li int taf li għandek dritt legali li terġa' taħsibha u li jekk tkun trid tista' tibdel fehemtek.

Punti li għandek tqis

3. Qabel tiddeċiedi jekk tridx tibdel fehemtek, staqsi lilek innifsek:

* Jekk ingħatajt parir personali fuq l-investiment jew polza ta' assigurazzjoni tiegħek, int ċert jekk dak il-parir ingħatax minn persuna indipendenti li taħdem f'ismek jew minn xi ħadd li jirrappreżenta lill-assiguratur?

* Int ingħatajt l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex tifhem l-investiment jew il-polza ta' assigurazzjoni tiegħek?

* Int sodisfatt li l-investiment jew il-polza ta' assigurazzjoni huma adattati għall-ħtiġiet tiegħek?

* Int, ngħidu aħna:

- tifhem kemm se tħallas issa u fil-futur?
- tifhem x'benefiċċji jitħallsu taħt il-polza - jew fi tmiem it-terminu tal-polza jew jekk int tmut qabel jagħlaq it-terminu tal-polza?

Int tifhem ukoll safejn huma garantiti l-benefiċċji u safejn jiddependu minn kemm imur tajjeb jew ħażin l-investiment jew il-polza ta' assigurazzjoni tiegħek?

- tifhem li jekk twaqqaf il-polza fis-snin tal-bidu tista' titlef il-flus
- tifhem l-effett li xi spejjeż jew ħlasijiet ikollhom fuq l-investiment jew fuq il-polza ta' assigurazzjoni tiegħek?

Jekk it-tweġiba għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet hija *LE*, int għandek tikkonsulta lill-konsulent jew lill-assiguratur tiegħek kemm jista' jkun malajr.

M'hemm ebda estensjoni għall-perjodu ta' tħassir jekk tistaqsi għal aktar informazzjoni jew jekk it-tweġiba tittardja.

Id-dritt tiegħek li tirtira mit-transazzjoni

4. Il-liġi tagħtik 15-il ġurnata, li jibdew mill-ġurnata li fiha int tingħata dan l-avviż, biex terġa' tqis il-materja u, jekk tkun trid, tirtira mit-transazzjoni.

5. Jekk trid tibqa' għaddej bit-transazzjoni m'għandek tagħmel xejn bl-avviż ta' tħassir mehmuż. Iżda jekk trid tirtira u tingħata lura l-flus li ħallast lill-assiguratur jew lir-rappreżentant tiegħu f'konnessjoni mal-kuntratt, int għandek tagħti avviż ta' tħassir (jew fuq il-formola mehmuża ma' dan l-avviż jew inkella bil-kitba fl-istess sens) lill-assiguratur li l-partikolaritajiet tiegħu huma mogħtija fil-paragrafu 1 ta' dan l-avviż fi żmien 15 -il ġurnata:

Iżda int trid tħallas lura kull ammont diġà mħallas lilek mill-assiguratur jew mir-rappreżentant tiegħu taħt il-kuntratt, u kull ċaqliq negattiv fis-suq fil-valur tal-proprjetà rappreżentata mill-kuntratt ikun għar-riskju tiegħek.

Riċevuta

6. Int mitlub tavża li rċevejt dan l-avviż billi tiffirma l-formola mehmuża hawn taħt.

.....,
(Iffirmat)

.....
(Isem b'ittri kapitali)

.....
(Uffiċċju)

KUN ŻGUR LI ŻŻOMM GĦANDEK DAN L-AVVIŻ U LI TIBGĦAT LURA BISS KOPJA TIEGĦU, IFFIRMATA U DDATATA KIF GĦANDU JKUN, LILL-PERSUNA LI TATHIELEK.

B 5365

RIĊEVUTA

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niddikjara li ngħatajt Avviż Statutorju li għandu x'jaqsam mal-kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul, li tiegħu din ta' hawn fuq hija kopja.

.....
(Iffirmat)

.....
(Isem b'ittri kapitali)

.....
(Data)

B 5366

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

AVVIŻ TA' THASSIR

IMPORTANTI - DAN L-AVVIŻ, JEKK JINTUŻA, JISTÀ JINGĦATA BL-IDEJN, MINNEK JEW MINN XI ĦADDIEĦOR F'ISMEK, JEW B'ITTRA REĠISTRATA

(Jintbagħat lura biss jekk int trid tikkanċella l-kuntratt) ·

.....

*(Referenza jew numru tas-serje tal-kuntratt)

.....

*(Isem l-assiguratur)

.....

.....

*(Indirizz ta' l-assiguratur, jew tar-rappreżentant tiegħu f'Malta)

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan qed nagħti avviż li ddeċidejt li ma nibqax għaddej b'dan il-Kuntratt ta' Assigurazzjoni Marbut fit-Tul u li nitlob ir-radd lura tal-flus imħallsin lilek jew lir-rapprezentant tiegħek f'konnessjoni ma' l-imsemmi kuntratt.

.....

(Iffirmat)

.....

(Isem b'ittri kapitali)

.....

(Indirizz)

***(Jimtela mill-Assiguratur)**

B 5367

RIĊEVUTA

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niddikjara li ngħatajt Avviż ta' Thassir li għandu x'jaqsam mal-Kuntratt ta' Assigurazzjoni Marbut fit-Tul, riferenza/numru tas-serje

.....
(daħħal in-numru)

propost minn .....
(isem il-proponent)

.....
(Iffirmat)

.....
(Isem b'ittri kapitali)

.....
għal (Isem l-Assiguratur/Aġent)

.....
(Data)